

TRATTAT DWAR STABBILTÀ, KOORDINAZZJONI U GOVERNANZA
FL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA BEJN
IR-RENU TAL-BELĠJU, IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,
IR-RENU TAD-DANIMARKA, IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,
IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA, L-IRLANDA, IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,
IR-RENU TA' SPANJA, IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,
IR-REPUBBLIKA TALJANA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-
LATVJA, IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,
L-UNGERIJA, MALTA, IR-RENU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI, IR-REPUBBLIKA TAL-
AWSTRIJA, IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA, IR-
RUMANIJA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA, IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,
IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA U R-RENU TAL-ISVEZJA

IR-RENJU TAL-BELĠJU, IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA, IR-RENJU TAD-DANIMARKA, IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA, IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA, L-IRLANDA, IR-REPUBBLIKA ELLENIKA, IR-RENJU TA' SPANJA, IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA, IR-REPUBBLIKA TALJANA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU, L-UNGERIJA, MALTA, IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI, IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA, IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA, IR-RUMANIJA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA, IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA, IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA U R-RENJU TAL-ISVEZJA,

minn hawn 'il quddiem imsejħin “il-Partijiet Kontraenti”;

KONXJI tal-obbligu tagħhom, bħala Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, li jqisu l-linji ta' politika ekonomika tagħhom bħala materja ta' interess komuni;

BIX-XEWQA li jippromwovu l-kondizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu fl-Unjoni Ewropea u, għal dak il-għan, li jiżviluppaw koordinazzjoni dejjem iktar mill-qrib tal-linji ta' politika ekonomika fiż-żona tal-euro;

JIEĦDU KONT tal-fatt li l-ħtieġa li l-gvernijiet iżommu finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u ma jħallux li defiċit tal-gvern ġenerali jsir eċċessiv hija ta' importanza essenzjali biex tiġi mħarsa l-istabbiltà taż-żona tal-euro komplessivament, u għal dan hija meħtieġa l-introduzzjoni ta' regoli speċifiċi, inklużi “regola ta' baġit bilanċjat” u mekkaniżmu awtomatiku biex tittieħed azzjoni korrettiva;

KONXJI tal-ħtieġa li jiġi żgurat li d-defiċit tal-gvern ġenerali tagħhom ma jaqbiżx it-3 % tal-prodott domestiku gross tagħhom bil-prezzijiet tas-suq u li d-dejn tal-gvern ġenerali tagħhom ma jaqbiżx, jew ikun qed jonqos biżżejjed lejn, 60 % tal-prodott domestiku gross tagħhom bil-prezzijiet tas-suq;

IFAKKRU li l-Partijiet Kontraenti, bħala Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-kisba tal-oġettivi tal-Unjoni fil-qafas tal-unjoni ekonomika, partikolarment il-prattika li jiġi akkumulat id-dejn barra mill-kontijiet tal-gvern ġenerali;

JIEĦDU KONT tal-fatt li l-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-euro qablu fid-9 ta' Diċembru 2011 dwar arkitettura msaħħa għall-unjoni ekonomika u monetarja, li tibni fuq it-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea u li tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' miżuri meħuda abbażi tal-Artikoli 121, 126 u 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

JIEĦDU KONT tal-fatt li l-oġettiv tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u ta' Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea huwa li d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat jiġu inkorporati malajr kemm jista' jkun fit-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea;

JILQGĦU l-proposti leġiżlattivi magħmulin mill-Kummissjoni Ewropea għaż-żona tal-euro, fil-qafas tat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, fit-23 ta' Novembru 2011, dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li għandhom jew li jinsabu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, u dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri u JINNUTAW il-ħsieb tal-Kummissjoni Ewropea li tippreżenta aktar proposti leġiżlattivi għaż-żona tal-euro dwar, b'mod partikolari, ir-rappurtaġġ *ex ante* tal-pjanijiet ta' emissjoni tad-dejn, programmi ta' sħubija ekonomika li jiddettaljaw riformi strutturali għal Stati Membri taħt proċedura ta' defiċit eċċessiv kif ukoll il-koordinazzjoni ta' pjanijiet ewlenin ta' riforma tal-politika ekonomika ta' Stati Membri ;

JESPRIMU d-disponibbiltà tagħhom li jappoġġaw proposti li l-Kummissjoni Ewropea tista' tippreżenta biex ikompli jissaħħa l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bl-introduzzjoni, għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, ta' firxa ġdida għall-oġettivi għal żmien medju konformi mal-limiti stabbiliti f'dan it-Trattat;

JINNUTAW li, waqt ir-reviżjoni u l-monitoraġġ tal-impenji baġitarji taħt dan it-Trattat, il-Kummissjoni Ewropea ser tieħu azzjoni fil-qafas tas-setgħat tagħha, kif previst mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 121, 126 u 136 tiegħu;

JINNUTAW b'mod partikolari li, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-“regola ta' baġit bilanċjat” stipulata fl-Artikolu 3 ta' dan it-Trattat, dak il-monitoraġġ ser isir permezz tal-istabbiliment, għal kull Parti Kontraenti, ta' objettivi speċifiċi għall-pajjiż għal żmien medju u ta' kalendarji ta' konverġenza, kif ikun meħtieġ;

JINNUTAW li l-objettivi għal żmien medju għandhom jiġu aġġornati regolarment fuq il-bażi ta' metodu miftiehem komunement, li l-parametri ewlenin tiegħu għandhom jiġu riveduti regolarment ukoll, biex jirriflettu adegwament ir-riskji ta' responsabbiltajiet espliċiti u impliċiti għall-finanzi pubbliċi, kif inkorporat fl-għanijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

JINNUTAW li progress suffiċjenti lejn l-objettivi għal żmien medju għandu jiġi valutat fuq il-bażi ta' valutazzjoni globali bil-bilanċ strutturali bħala referenza, inkluża analiżi tal-infiq nett minn miżuri diskrezzjonali ta' introjtu, skont id-dispożizzjonijiet speċifikati taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tiżni tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' *budget* u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 ("il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut");

JINNUTAW li l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni li għandu jiġi introdott mill-Partijiet Kontraenti għandu jimmira lejn il-korrezzjoni ta' devjazzjonijiet mill-objettiv għal żmien medju jew mid-direzzjoni tal-aġġustament, inkluż l-impatt kumulat tagħhom fuq id-dinamika tad-dejn tal-gvern;

JINNUTAW li l-konformità mal-obbligu tal-Partijiet Kontraenti li r-“regola ta' baġit bilanċjat” tiġi trasposta fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom, permezz ta' dispożizzjonijiet vinkolanti, permanenti u preferibbilment kostituzzjonali, għandha tkun soġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 273 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

IFAKKRU li l-Artikolu 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti s-setgħa lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew pagament ta' penali fuq Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkun naqas milli jikkonforma ma' xi waħda mis-sentenzi tagħha u JFAKKRU li l-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet kriterji għad-determinazzjoni tas-somma f'daqqa jew pagament ta' penali li jiġu imposti fil-qafas ta' dak l-Artikolu;

IFAKKRU fil-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' miżuri taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro li l-proporzjon ippjanat jew attwali tad-defiċit tal-gvern ġenerali tagħhom meta mqabbel mal-prodott domestiku gross ikun jaqbeż it-3 %, filwaqt li jissaħħa b'mod qawwi l-oġettiv ta' dik il-proċedura, jiġifieri biex Stat Membru jiġi mħeġġeġ u, jekk meħtieġ, imġiegħel inaqas defiċit li jista' jiġi identifikat;

IFAKKRU fl-obbligu għal dawk il-Partijiet Kontraenti li d-dejn tal-gvern ġenerali tagħhom jaqbeż il-valur ta' riferiment ta' 60 % li jnaqqas għal rata medja ta' wieħed fuq għoxrin fis-sena bħala punt ta' riferiment;

JIEĦDU KONT tal-ħtieġa li jkun rispettati, fl-implimentazzjoni ta' dan it-Trattat, ir-rwol speċifiku tal-imsieħba soċjali, kif huwa rikonoxxut fil-liġijiet jew fis-sistemi nazzjonali ta' kull waħda mill-Partijiet Kontraenti;

JENFASIZZAW li l-ebda dispożizzjoni ta' dan it-Trattat ma għandha tiġi interpretata li tibdel b'xi mod il-kondizzjonijiet tal-politika ekonomika li taħthom tkun ġiet mogħtija assistenza finanzjarja lil Parti Kontraenti fi programm ta' stabbilizzazzjoni li jkun jinvolvu l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha jew il-Fond Monetarju Internazzjonali;

JINNUTAW li l-funzjonament tajjeb tal-unjoni ekonomika u monetarja jeħtieġ li l-Partijiet Kontraenti jaħdmu flimkien lejn politika ekonomika fejn, filwaqt li jibnu fuq il-mekkaniżmi tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, kif definiti fit-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, jieħdu l-azzjonijiet u l-miżuri meħtieġa fl-oqsma kollha li huma essenzjali għall-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro;

JINNUTAW, b'mod partikolari, ix-xewqa tal-Partijiet Kontraenti li jagħmlu użu aktar attiv mill-koperazzjoni msaħħa, kif previst fl-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 326 sa 334 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mingħajr ma jiddgħajjef is-suq intern, u x-xewqa tagħhom li jagħmlu użu sħiħ minn miżuri li jkunu speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro skont l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u minn proċedura għal diskussjoni u koordinament *ex ante* fost il-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro dwar ir-riformi ewlenin kollha tal-politika ekonomika ppjanati minnhom, bil-ħsieb li l-aħjar prattiċi jiġu stabbiliti bħala standards;

IFAKKRU fil-ftehim tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, fis-26 ta' Ottubru 2011, li jtejbu l-governanza taż-żona tal-euro, inkluż li jsiru mill-inqas żewġ laqgħat ta' Summit dwar l-Euro kull sena, li jsiru, sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjoni minn ċirkostanzi eċċezzjonali, immedjatement wara laqgħat tal-Kunsill Ewropew jew laqgħat bil-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti kollha li jkunu rratifikaw dan it-Trattat;

IFAKKRU wkoll fl-approvazzjoni li ngħatat mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u minn Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fil-25 ta' Marzu 2011, tal-Patt Euro Plus, li jidentifika l-kwistjonijiet li huma essenzjali sabiex titrawwem il-kompetittività fiż-żona tal-euro;

JENFASIZZAW l-importanza tat-Trattat li jistabbilixxi Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà bħala element ta' strateġija globali biex isahha l-unjoni ekonomika u monetarja u JINDIKAW li l-għoti ta' assistenza finanzjarja fil-qafas ta' programmi ġodda taħt il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà se jkun kondizzjonali, mill-1 ta' Marzu 2013, fuq ir-ratifika ta' dan it-Trattat mill-Parti Kontraenti konċernata u, malli l-perijodu ta' traspożizzjoni msemmi fl-Artikolu 3(2) ta' dan it-Trattat ikun skada, mal-konformità mal-ħtiġiet ta' dak l-Artikolu;

JINNUTAW li r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja huma Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro u li, bħala tali, se jkunu marbutin b'dan it-Trattat mill-ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu tal-istrument ta' ratifika tagħhom jekk it-Trattat ikun fis-seħħ f' dik id-data;

JINNUTAW UKOLL li r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija u r-Renju tal-Isvezja huma Partijiet Kontraenti li, bħala Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, għandhom, fid-data tal-iffirmar ta' dan it-Trattat, deroga jew eżenzjoni milli jipparteċipaw fil-munita unika u jistgħu jiġu marbutin, sakemm ma tintemmx tali deroga jew eżenzjoni, biss b'dawk id-dispożizzjonijiet tat-Titoli III u IV ta' dan it-Trattat li bihom huma jiddikjaraw, mad-depożitu tal-istrument tagħhom ta' ratifika jew f'data aktar tard, li beħsiebhom ikunu marbutin;

FTIEHMU DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

TITOLU I

SKOP U AMBITU

ARTIKOLU 1

1. B'dan it-Trattat, il-Partijiet Kontraenti jiftiehemu, bħala Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, li jsaħħu l-pilastru ekonomiku tal-unjoni ekonomika u monetarja billi jadottaw sett ta' regoli intiżi biex ikattru d-dixxiplina baġitarja permezz ta' patt fiskali, biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-linji ta' politika ekonomika tagħhom u biex tittejjeb il-governanza taż-żona tal-euro, biex b'hekk tkun sostnuta l-kisba tal-oġettivi tal-Unjoni Ewropea għal tkabbir sostenibbli, impjiegi, kompetittività u koeżjoni soċjali.
2. Dan it-Trattat għandu japplika b'mod sħiħ għall-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro. Għandu japplika wkoll għall-Partijiet Kontraenti l-oħrajn sa u taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14.

TITOLU II

KONSISTENZA U RABTA MAL-LIĠI TAL-UNJONI

ARTIKOLU 2

1. Dan it-Trattat għandu jiġi applikat u interpretat mill-Partijiet Kontraenti f' konformità mat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-liġi proċedurali kull meta tkun meħtieġa l-adozzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja.
2. Dan it-Trattat għandu japplika safejn ikun kompatibbli mat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea u mal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Huwa ma għandux jinċidi fuq il-kompetenzi tal-Unjoni li tiegħu azzjoni fil-qasam tal-unjoni ekonomika.

TITOLU III

PATT FISKALI

ARTIKOLU 3

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom japplikaw ir-regoli stipulati f'dan il-paragrafu addizzjonalment u mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea:

- (a) il-pożizzjoni baġitarja tal-gvern ġenerali ta' Parti Kontraenti għandha tkun ibbilanċjata jew f'bilanċ favorevoli;
- (b) ir-regola taħt il-punt (a) għandha titqies bħala rispettata jekk il-bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali jkun konformi mal-oġettiv speċifiku għall-pajjiżu għal żmien medju, kif definit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut, b'limitu aktar baxx ta' defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw konverġenza rapida mal-oġettiv rispettiv tagħhom għal żmien medju. Iż-żmien għal tali konverġenza se jiġi propost mill-Kummissjoni Ewropea b'kont meħud tar-riskji għas-sostenibbiltà li jkunu speċifiċi għall-pajjiż. Il-progress lejn l-oġettiv għal żmien medju u r-rispett tiegħu għandhom jiġu valutati abbażi ta' valutazzjoni globali bil-bilanċ strutturali bħala riferiment, inkluża analiżi tal-infiq nett minn miżuri diskrezzjonali ta' introjtu, f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut;

- (c) il-Partijiet Kontraenti jistgħu temporanjament jiddevjaw mill-oġettiv rispettiv tagħhom għal żmien medju jew mid-direzzjoni ta' aġġustament lejha biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, kif definiti fil-punt (b) tal-paragrafu 3;
- (d) fejn il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali għall-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq ikun ferm taħt is-60 % u fejn ir-riskji f'termini ta' sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi jkunu baxxi, il-limitu aktar baxx tal-oġettiv għal żmien medju speċifikat taħt il-punt (b) jista' jilħaq defiċit strutturali ta' mhux aktar minn 1,0 % tal-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq;
- (e) fil-każ li jiġu osservati devjazzjonijiet sinifikanti mill-oġettiv għal żmien medju jew mid-direzzjoni ta' aġġustament lejha, għandu jiskatta awtomatikament mekkaniżmu ta' korrezzjoni. Il-mekkaniżmu għandu jinkludi l-obbligu tal-Parti Kontraenti kkonċernata li timplimenta miżuri biex jiġu korretti d-devjazzjonijiet matul perijodu ta' żmien definit.

2. Ir-regoli stipulati fil-paragrafu 1 għandhom isiru effettivi fil-liġi nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti sa mhux aktar tard minn żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat permezz ta' dispożizzjonijiet li jkunu vinkolanti u ta' karattru permanenti, preferibbilment kostituzzjonali, jew li b'xi mod ieħor ikunu garantiti li jiġu rispettati u osservati b'mod sħiħ matul il-proċessi baġitarji nazzjonali. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jistabbilixxu fil-livell nazzjonali l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni msemmi fil-paragrafu 1(e) fuq il-bażi ta' prinċipji komuni li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni Ewropea, partikolarment dwar in-natura, id-daqs u ż-żmien tal-azzjoni korrettiva li jkollha tittieħed, anki fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, u r-rwol u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet responsabbli fil-livell nazzjonali għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli stipulati fil-paragrafu 1. Tali mekkaniżmu ta' korrezzjoni għandu jirrispetta b'mod sħiħ il-prerogattivi tal-Parlamenti nazzjonali.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw it-tifsiriet stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, anness mat-Trattati tal-Unjoni Ewropea.

It-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

- (a) "bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali" tirriferi għall-bilanċ annwali aġġustat b'mod ċikliku li jkun nett minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji;
- (b) "ċirkostanzi eċċezzjonali" tirriferi għal każ ta' avveniment mhux tas-soltu barra mill-kontroll tal-Parti Kontraenti kkonċernata li jkollu impatt qawwi fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern ġenerali jew għal perijodi ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku kif stabbilit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut, sakemm id-devjazzjoni temporanja tal-Parti Kontraenti kkonċernata ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq perijodu ta' żmien medju.

ARTIKOLU 4

Meta l-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali ta' Parti Kontraenti għall-prodott domestiku gross jaqbeż il-valur ta' riferiment ta' 60 % msemmi fl-Artikolu 1 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, anness mat-Trattati tal-Unjoni Ewropea, dik il-Parti Kontraenti għandha tnaqqsu b'rata medja ta' wiehед fuq għoxrin fis-sena b'ħala punt ta' riferiment, kif previst fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi èċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1177/2011 tat-8 ta' Novembru 2011. L-eżistenza ta' defiċit eċċessiv dovuta għall-ksur tal-kriterju tad-dejn tiġi deċiża skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 5

1. Parti Kontraenti li tkun soġġetta għal proċedura ta' defiċit eċċessiv taħt it-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea għandha tistabbilixxi programm ta' sħubija baġitarja u ekonomika li jinkludi deskrizzjoni dettaljata tar-riformi strutturali li għandhom jiġu stabbiliti u implimentati biex tiġi żgurata korrezzjoni effettiva u dejjiema tad-defiċit eċċessiv tagħha. Il-kontenut u l-format ta' dawn il-programmi għandhom jiġu definiti fil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Il-preżentazzjoni tagħhom lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea għall-approvazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom se jseħħu fi ħdan il-kuntest tal-proċeduri eżistenti ta' sorveljanza taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

2. L-implimentazzjoni tal-programm ta' sħubija baġitarja u ekonomika, u tal-pjanijiet baġitarji annwali konsistenti miegħu, se jkunu mmonitorjati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ewropea.

ARTIKOLU 6

Bil-għan li jiġi kkoordinat aħjar l-ippjanar tal-emissjoni tad-dejn nazzjonali tagħhom, il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrapportaw ex-ante dwar il-pjanijiet tal-emissjoni ta' dejn pubbliku tagħhom lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea.

ARTIKOLU 7

Filwaqt li jirrispettaw b'mod sħiħ il-ħtiġiet proċedurali tat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, il-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro jimpenjaw irwieħhom li jappoġġaw il-proposti jew rakkomandazzjonijiet imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fejn din tqis li Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li l-munita tiegħu hija l-euro jkun fi ksur tal-kriterju tad-defiċit fil-qafas ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv. Dan l-obbligu ma japplikax fejn ikun stabbilit fost il-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro li maġġoranza kwalifikata fosthom, ikkalkulata b'analoġija mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, mingħajr ma titqies il-pożizzjoni tal-Parti Kontraenti kkonċernata, hija kuntrarja għad-deċiżjoni proposta jew rakkomandata.

ARTIKOLU 8

1. Il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna li tippreżenta fiż-żmien dovut lill-Partijiet Kontraenti rapport dwar id-dispożizzjonijiet adottati minn kull waħda minnhom f'konformità mal-Artikolu 3(2). Jekk il-Kummissjoni Ewropea, wara li tkun tat lill-Parti Kontraenti kkonċernata l-opportunità biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, tikkonkludi fir-rapport tagħha li tali Parti Kontraenti tkun naqset milli tikkonforma mal-Artikolu 3(2), il-kwistjoni titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn waħda jew aktar Partijiet Kontraenti. Fejn Parti Kontraenti tqis, indipendentement mir-rapport tal-Kummissjoni, li Parti Kontraenti oħra tkun naqset milli tikkonforma mal-Artikolu 3(2), hija tista' wkoll tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fiż-żewġ każijiet, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha torbot lill-partijiet fil-proċedimenti, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza f'perijodu li għandu jiġi deċiż mill-Qorti.

2. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni tagħha stess jew ta' dik tal-Kummissjoni Ewropea, Parti Kontraenti tqis li Parti Kontraenti oħra ma tkunx ħadet il-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-paragrafu 1, hija tista' tressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u titlob l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji li jsegwu l-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-Artikolu 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li l-Parti Kontraenti kkonċernata ma kkonformatx mas-sentenza tagħha, hija tista' timponi fuqha somma f'daqqa jew pagament ta' penali xierqa fiċ-ċirkostanzi u li ma għandhomx ikunu aktar minn 0,1% tal-prodott domestiku gross tagħha. L-ammonti imposti fuq Parti Kontraenti li l-munita tagħha hija l-euro għandhom ikunu pagabbli lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. F'każijiet oħra, il-ħlasijiet għandhom isiru lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3. Dan l-Artikolu jikkostitwixxi ftehim ta' kompromess bejn il-Partijiet Kontraenti fis-sens tal-Artikolu 273 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

TITOLU IV

KOORDINAZZJONI TA' POLITIKA EKONOMIKA U KONVERĠENZA

ARTIKOLU 9

Sabiex jibnu fuq il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, kif definita fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw irwieħhom li jaħdmu konguntemment lejn politika ekonomika li tinkoraġixxi l-funzjonament tajjeb tal-unjoni ekonomika u monetarja u t-tkabbir ekonomiku permezz ta' konverġenza u kompetittività msaħħa. Għal dak il-għan, il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-azzjonijiet u l-miżuri meħtieġa fl-oqsma kollha li huma essenzjali għall-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro lejn l-oġettivi ta' trawwim tal-kompetittività, ta' promozzjoni tal-impjiegi, ta' kontribut akbar għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u ta' tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja.

ARTIKOLU 10

F'konformità mal-ħtiġiet tat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, il-Partijiet Kontraenti jinsabu lesti li jagħmlu użu attiv, kull meta jkun xieraq u meħtieġ, minn miżuri li jkunu speċifiċi għal dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, kif previst fl-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mill-kooperazzjoni msaħħa, kif previst fl-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 326 sa 334 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar materji li jkunu essenzjali għall-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro, mingħajr ma jiddgħajf is-suq intern.

ARTIKOLU 11

Bil-ħsieb li l-aħjar prattiċi jittieħdu bħala punt ta' riferiment u li ssir ħidma lejn politika ekonomika kkoordinata aktar mill-qrib, il-Partijiet Kontraenti jiżguraw li r-riformi ewlenin kollha tal-politika ekonomika li jkollhom il-ħsieb li jwettqu jiġu diskussi *ex ante* u, fejn xieraq, ikkoordinati bejniethom. Tali koordinazzjoni għandha tinvolvi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kif meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni Ewropea.

TITOLU V

GOVERNANZA TAŻ-ŻONA TAL-EURO

ARTIKOLU 12

1. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiltaqgħu informalment f'laqgħat ta' Summit dwar l-Euro, flimkien mal-President tal-Kummissjoni Ewropea. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun mistieden biex jipparteċipa f'dawn il-laqgħat.

Il-President tas-Summit dwar l-Euro għandu jinħatar mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro b'magħġoranza sempliċi fl-istess żmien li l-Kunsill Ewropew jeleġġi l-President tiegħu u għal mandat tal-istess tul.

2. Il-laqgħat ta' Summit dwar l-Euro għandhom isiru meta meħtieġ, u mill-inqas darbtejn fis-sena, biex Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro jiddiskutu kwistjonijiet marbutin mar-responsabbiltajiet kondiviżi speċifiċi li huma jikkondividu fir-rigward tal-munita unika, kwistjonijiet oħra dwar il-governanza taż-żona tal-euro u r-regoli li japplikaw għaliha, u l-orjentazzjonijiet strateġiċi għat-tmexxija ta' linji ta' politika ekonomika u biex tiżdied il-konverġenza fiż-żona tal-euro.

3. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti, għajr dawk li l-munita tagħhom hija l-euro, li rratifikaw dan it-Trattat, għandhom jipparteċipaw f'diskussjonijiet tal-laqgħat ta' Summit dwar l-Euro dwar il-kompetittività għall-Partijiet Kontraenti, il-modifika tal-arkitettura globali taż-żona tal-euro u r-regoli fundamentali li ser japplikaw għaliha fil-futur, kif ukoll, meta jkun xieraq u mill-inqas darba fis-sena, f'diskussjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni ta' dan it-Trattat dwar Stabbiltà, Koordinazzjoni u Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja.
4. Il-President tas-Summit dwar l-Euro għandu jiżgura t-tnejn u l-kontinwità tal-laqgħat ta' Summit dwar l-Euro, f'koperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni Ewropea. L-entità inkarigata mit-tnejn u s-segwitu fir-rigward tal-laqgħat ta' Summit dwar l-Euro għandha tkun il-Grupp tal-Euro u l-President tiegħu jista' jiġi mistieden jattendi dawn il-laqgħat għal dak il-għan.
5. Il-President tal-Parlament Ewropew jista' jiġi mistieden sabiex jinstema'. Il-President tas-Summit dwar l-Euro għandu jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew wara kull laqgħa ta' Summit dwar l-Euro.
6. Il-President tas-Summit dwar l-Euro għandu jżomm lill-Partijiet Kontraenti għajr dawk li l-munita tagħhom hija l-euro u lill-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea infurmati mill-qrib bit-tnejn u l-eżitu tal-laqgħat ta' Summit dwar l-Euro.

ARTIKOLU 13

Kif previst fit-Titolu II tal-Protokoll (Nru 1) dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattati tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti ser jiddeterminaw flimkien l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' konferenza ta' rappreżentanti tal-kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew u rappreżentanti tal-kumitati rilevanti ta' Parlamenti nazzjonali sabiex jiddiskutu l-linji ta' politika baġitarja u kwistjonijiet oħra koperti b'dan it-Trattat.

TITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

ARTIKOLU 14

1. Dan it-Trattat għandu jiġi ratifikat mill-Partijiet Kontraenti f'konformità mal-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("id-Depożitarju").

2. Dan it-Trattat għandu jidhul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013, sakemm tnax-il Parti Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro jkunu ddepożitaw l-istrument ta' ratifika tagħhom, jew fl-ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu tat-tnax-il strument ta' ratifika minn Parti Kontraenti li l-munita tagħha hija l-euro, skont liema jum minnhom jaħbat l-aktar kmieni.
3. Dan it-Trattat għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ fost il-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro li jkunu rratifikawh. Għandu japplika għall-Partijiet Kontraenti l-oħra li l-munita tagħhom hija l-euro mill-ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu tal-istrument ta' ratifika rispettiv tagħhom.
4. B'deroga mill-paragrafi 3 u 5, it-Titolu V għandu japplika għall-Partijiet Kontraenti kkonċernati kollha mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat.
5. Dan it-Trattat għandu japplika għall-Partijiet Kontraenti b'deroga, kif definit fl-Artikolu 139(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew b'deroga kif imsemmi fil-Protokoll (Nru 16) dwar ċerti dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Danimarka anness mat-Trattati tal-Unjoni Ewropea, li rratifikaw dan it-Trattat, mid-data li fiha ssir effettiva d-deċiżjoni li ttemm dik id-deroga, sakemm il-Parti Kontraenti kkonċernata ma tiddikjarax il-ħsieb tagħha li tintrabat f'data aktar bikrija mid-dispożizzjonijiet kollha, jew minn parti minnhom, fit-Titoli III u IV ta' dan it-Trattat.

ARTIKOLU 15

Dan it-Trattat għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea oħrajn barra l-Partijiet Kontraenti. L-adeżjoni ssir effettiva mad-depożitu tal-istrument tal-adeżjoni mad-Depożitarju, li għandu jinnotifika b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn. Wara l-awtentikazzjoni mill-Partijiet Kontraenti, it-test ta' dan it-Trattat fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru aderenti li tkun ukoll lingwa uffiċjali u lingwa ta' ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, għandu jiġi ddepożitat fl-arkivji tad-Depożitorju bħala test awtentiku ta' dan it-Trattat.

ARTIKOLU 16

Fi żmien ta' mhux aktar minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa, f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li s-sustanza ta' dan it-Trattat tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell dan it-tieni jum ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax.

Dan it-Trattat, imfassal feżemplari oriġinali wieħed bil-Bulgaru, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Françiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Irlandiż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż, b'kull test ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat fl-arkivji tad-Depożitorju, li għandu jibgħat kopja ċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.
